MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

25 ta' Frar 2020

**Lill-Iskejjel kollha** (Stat, Knisja u Indipendenti) u l-Istituzzjonijiet Edukattivi

**Ref No.:** DES 11/2020

**Suġġett:** Corona Virus

---

B'riferenza għaċ-ċirkolari DES 08/2020 maħruġa fil-5 ta' Frar 2020 (mehmuża), il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) b'kollaborazzjoni u taħt istruzzjonijiet tal-Ministeru tas-Saħħa u skond l-istqarrija maħruġa minnu (mehmuża), jitlob li l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi biex jinnotaw li min vjaġġa dal-aħħar (staff jew studenti) lejn dawn il-pajjiżi dal-aħħar jiem:

- Ċina
- Singapor
- Hong Kong
- Il-Ġappun
- Il-Korea t'Isfel
- L-Iran
- L-Italja (Emilia-Romagna, Lombardija, Piedmonte, Veneto, ie. it-Tramuntana tal-Italja 'l fuq mit-Toskana),

għandu jagħmel 14 –il ġurnata d-dar u jekk jiżviluppaw sintomi ta' deni, sogħla u qtugħ ta' nifs, għandhom iċemplu lid-*Disease Prevention and Control Unit (IDCU)* fi ħdan is-Supretendenza għas-Saħħa Pubbliku fil-Ministeru tas-Saħħa, nru. tat-telefon 21324086 u dan il-unit jiggwidahom kif meħtieġ.

Individwi li għandhom bżonn għajnuna jew aktar kjarifika **għandhom iċemplu** lit-tabib tal-familja (GP). Ma' dan, qiegħed jiġi mitlub li l-pubbliku **m'għandux** imur fiċ-Ċentri tas-Saħħa jew l-Emerġenza imma għandu jċempel lit-tabib tal-familja (GP) jekk jiżviluppa sintomi msemmija hawn fuq.

Impjegat li vjaġġa f'dawn il-pajjiżi għandu javża bit-telefon lis-superjur tiegħu li huwa se jibqa' d-dar għal dawn il-ġranet stipulati minħabba din ir-raġuni. L-impjegat se jkun skużat wara li jkun ppreżenta l-evidenza ta' safar meta jidħol lura x-xogħol.

Qiegħed jiġi rakkomandat ukoll biex min se jivvaġġa lejn dawn il-pajjiżi fejn qiegħed jiġi preżunt li hemm trassmissjoni tal-COVID-19 ibbażat fuq evidenza mogħtija mill-*ECDC (European Centre for Disease Prevention and Control)* għandu jevita kemm jista' jkun li jagħmel dan.

Importanti li jiġu segwiti f'kull ħin l-istruzzjonijiet ta' iġene bażika kif spjegat fl-istqarrija tal-Ministeru tas-Saħħa (mehmuża).

Sadanittant, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol se jkun qiegħed jaġġorna lill-iskejjel u istituzzjonijiet edukattvi minn ħin għal ħin skont id-direzzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa.

Għalhekk, il-koperazzjoni tagħkom hija importanti ħafna.

**Sa. Maria Mc Namara**
**Direttur Ġenerali**
**Għal Servizzi Edukattivi**